**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU WIEĦED U DISGĦIN (91)**

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2019 fis-7.00 pm** Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

******* Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Charles Azzopardi.

**91.1** Din il-laqgħa kienet imsejjħa dwar ix-xogħlijiet li qed isiru mill-Gvern Ċentrali fi Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat. Triq Ġorġ Borg Olivier

Is-Sindku qal illi l-KLR kien jaf b'dawn ix-xogħlijiet, *short notice*, u sostna li hu personalment sar jaf li se ssir it-triq propju mill-kuntrattur li hu kkummissjonat mix-xogħlijiet li huma antiċipati li jsiru mill-KLR fi Triq San Piju V. Hu qal li kien infurmat illi Bonnici Bros infurmaw lill-KLR li Triq Papa Piju V ma tistax issir minħabba li qed isservi bħala triq alternattiva ta' Triq Ġorg Bor Olivier.

Is-Sindku semma' s-sistema tat-traffiku kif se tkun qed taffettwa lir-Rabtin b'devjazzjoni minn Vjal il-Ħaddiem. Hu qal illi l-Kunsill iltaqa' b'mod urġenti għax it-triq hija importanti ħafna għar-Rabtin u anke għar-residenti ta' Ħad-Dingli minkejja li *Transport Malta* nfurmatna lejlet li bdew ix-xogħlijiet.

Dwar Triq San Piju V, Charles Azzopardi qal illi konna ilna niġru wara l-kuntrattur sa minn Lulju 2019, iżda issa meta erġajna ċempilna, l-kuntrattur u qalilna li mhux se jagħmilha għax kien se jibda Triq Ġorġ Borg Olivier. Hu qal li dan sa apposta.

Dwar ir-residenti ta' Vjal il-Ħaddiem intqal illi t-trasport pubbliku mhux qed jieqaf f'din it-triq għax m'hemm l-ebda' indikazzjoni fuq il-*bus stops* bil-waqfien tagħhom.

Is-Sindku staqsa x'se jsir fuq il-bankina ta' Triq Ġorg Borg Olivier, u jekk din hux se titwessa'. Hu qal illi hu important li l-bankina titwessa' minħabba li l-*puschairs* ma jgħaddux għaliex dik li hemm hija dejqa ħafna.

Charles Azzopardi qal illi din ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, qisha qed titla' *issue* qabel kull elezzjoni u minkejja dan kien hemm min lanqas kien jaf li beda x-xogħol minn quddiem Triq San Duminku.

Is-SE qal illi kien hemm diffikulta' bil-permessi tal-*cranes* fi Vjal il-Ħaddiem. Dan għaliex *Transport Malta* għal bidu ma riedux li jinħarġu permessi għal tpoġġija ta' *cranes* hemmhekk peress li kienu qed iqisuha bħala r-rotta alternattiva.

Il-KLR kellu f*eedback* wara suġġeriment ta' resident, illi mhux eskluż illi Triq Ġorġ Borg Olivier jitwaħħlu fiha cctv biex tkun immoniterjata minn Transport Malta.

Diffikulta' oħra kienet it-tpoġġija ta' barikati minn distanzi twal 'il bogħod, per eżempju fi Triq Ħal Tartarni u Triq Papa Piju V. Dan beda' joħnoq il-kummerċ u l-KLR kiteb sabiex ikunu irtirati aktar 'il ġewwa b'notifika minn qabel li għandha titwaħħal fejn preżentement t-triq hija magħluqa bit-tabelli tal-*one way*.

Matul il-laqgħa ssemmew illi vetturi għal Tal-Virtu qed jgħaddu kontra l-*one way* u kien hemm suġġeriment illi l-uffiċjali ta' *Transport Malta* inkarigati mill-għeluq tat-toroq, m'għandhomx joqgħodu biss fejn huma stazzjonati bħal issa, iżda jkunu preżenti wkoll fi Triq Ħal Tartarni.

Nazju Cassar ilmenta li qed niġu injorati u qal illi l-KLR qatt ma kien trattat hekk għaliex fil-passat dejjem kien ikun hemm konsultazzjoni wiesgħa - u dan mhux aċċettabbli għar-residenti.

Kien deċiż li niktbu lil *Infrastructure Malta* u nikkupjaw dan kollu lil *Transport Malta* għaliex għalkemm is-sistema kif inhi implimentata hija aċċettabbli, l-affarijiet setgħu saru ħafna aħjar f'dawk li huma devjazzjonijiet u speċjalment dwar il-*bus stops* li sal-llum għadhom lanqas ġew mgħottija fl-istess Triq Ġorġ Borg Olivier bin-nies jistennew fuqhom għal xejn. Bħala konklużjoni il-KLR jistenna li fi triq arterja bħalma hija Triq Ġorġ Borg Olivier, konna nistennew konsultazzjoni sa minn tal-inqas xahar qabel ma jibda' x-xogħol fiha.

**91.2** Peress li sa nhar it-18 ta' Frar il-KLR irid ikun ippreżenta l-*Financial Statements* tas-sena 2018, il-KLR iddiskuta matul din il-laqgħa dawk li kienu ppreżentati mill-*Accountant*. Charles Azzopardi qal illi hu żamm kalm matul dawn is-snin f'din il-leġislatura fejn il-kunsillier Paul Grech ilu ħafna ma jattendi il-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kumitat Amministrattiv kif ukoll bil-problemi li sab għaliex il-KLR kien miżmum fuq id-dejn li sab mil-leġislatura preċedenti, iżda issa se jħalli fondi biżżejjed lill-leġislatura li jmiss biex twettaq ix-xogħlijiet li tħoss li trid tagħmel. Financial Statements 2018

Is-SE qal illi dak li qed jidher bħala €300,000 żbilanċ fil-*Profit and Loss Account*, ġej mil-fatt illi din is-sena d-deprezzament sploda minn €100,000 fl-2017 għal €700,000 matul l-2018, għaliex l-*accounting treatment* tal-assi pubbliċi mill-2018 'l hawn inbidel. Infatti d-deprezzament minn *reducing method* issa ġie *staight line method* u qed jaqta' mill-profitt tas-sena 2018 – spiża li mhix tanġibbli. Il-*Financial Statements* kien imessqa għal vot mis-Sindku u ssekondati mil-Viċi Sindku u approvati unanimament.

**91.3** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** Tmiem

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar id-19 ta' Frar 2019, fis-7.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm. Aġġornament

| | | |
|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum 19/2/19 minn | Charles Azzopardi |
| | Segretarju Eżekuttiv | Sindku |